**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 334/2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Armand Chetcuti**

<u>**Illum, 13 ta Frar, 2023**</u>

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Armand Chetcut** detenur tal-karta tal-identita Maltija **89289M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda għax-xhur minn **Marzu 2022 sa Awwissu 2020;**

1. Meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt inqast li tagħti lil **Jeanelle Camilleri** u lil ibnek is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għalija u għall-ibnu fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-25 ta' Settembru 2023, fejn wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 12, l-Artikolu 18 u l-Artikolu 338(z) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta **ssib lill-imputat ħati tal-imptazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal xahar detenzjoni.**

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Armand Chetcuti, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-3 ta' Novembru,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tirriforma s-sentenza appellata tibdel il-piena mposta, b'piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

- Illi fl-umli fehma tal-esponenti, tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, il-piena mposta fuqu ma hijiex waħda ekwa u ġusta każ odjern u b'hekk timmerita temperament.

- Fl-eventwalita' illil-piena mposta fuq l-esponenti mill-Ewwel Onorabbli Qorti tiġi kkonfermata u ċioe' tiġi mposta fuq l-appellant piena ta' xahar detenzjoni, l-esponenti ċertamment ma jkunux jista' jonora tali obbligu.

- Fid-dawl tas-su epost l-esponenti jagħmel referenza għal dak li ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet " **Il-Pulizija vs Publius Said"** fejn il-Qorti rriteniet:

  *"L-iskop tal-leġislatur, meta introduċa din il-kontravenzjoni fil-Kodiċi Kriminali fl-1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalċitranti sabiex jonoraw l-obbligi tagħhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi għandhom dejjem jiġu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet jontrattwali bejn il-konjugi"*

- Fil-każ odjern jirriżulta illi dan in-nuqqas min-naħa tal-appellant ma sarx b'nuqqas ta' rispetto issa sforż ambigwita' legai illi kienet tirrivolvi madwar id-digrieti hawn fuq imsemmi illi jgħabbi lill-appellant b'dan id-dover.

- Jekk għall-grazzja tal-argument u għall-grazzja tal-argument biss l-appellant jispiċċa inkarċet, il-parti leza ser tiġi pprivata milli tirċievi l-manteniment u għalhekk l-iskop oriġinali ta' din id-disposizzjoni legali ma jkunx qiegħed jintlaħaq.

- *In oltre*, l-appellant jobbliga ruħu illi jħallas tali manteniment dovut u jagħmel minn kollox sabiex jirrtifika tali sitwazzjoni.

- Illi fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Anthony Azzopardi" nhar is-26 ta' Settembru, 2011, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali ġie deċiż li in vista ta' dak deċiż fis-sentenza il-'Pulizija vs Publius Said', il-Qorti rriformat is-sentenza appellata, rrevokata in kwantu kkundannat lill-appellant għal xahar priġunerija, u minflok kkundannatu għall-ħlas ta' ammenda ta' tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23), liema somma tiġi kkonvertita f'ħamest ijiem detenzjoni jekk ma titħallasx minnufih.

- *Di piu'*, għandha ssir referenza għas-sentenza '**Il-Pulizija vs Jonathan Attard'** datata 26 ta' Mejju, 2016, fejn il-Qorti tal-Appell iddeċidiet illi:-

> *" għalkemm l-Ewwel Qorti ġustament għaddiet sabiex tinfliġġi piena karċerja, madanakollu minħabba illi l-appellant qiegħed iħallas dak dovut minnu huwa bil-wisq evidenti illi jekk l-appellanti jispiċċa inkarċet, u għalhekk mingħajr introjtu, l-parti leza ser tiġi ipprivata milli tirċievi l-mantenimenti lilha dovut u għalhekk is-sanzjonijiet tal-liġi ma ikunux qed jilħqu l-effett mixtieq. Għalhekk indubbjament f'dan il-każ hemm lok għal temperament fil-piena".*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita fl-atti a fol. 65 et seq u minn eżami tal-istess jirriżulta li din hija l-ewwel kundanna dwar nuqqas ta' ħlas ta' manteniment.

Semgħet lill-appellant jiddikajra li huwa ħallas l-ammont dovut skond il-koparixxi odjerna lill-*parte civile* seduta stante. Semgħet il-parte civile Jeanelle Camilleri tiddikjara fil-presenza tal-avukat difensur tagħha li huwa minnu li hija tħallset għassaldu dwar il-pretensjoni odjerna u li ma kellhiex pretensjoni ulterjuri fil-konfront tal-appellant fir-rigward il-kawża in desamina.

In sintonija mas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizija [Spettur Josric Mifsud] vs Francis Saliba** jingħad li hija ħaġa tajba li ntlaħaq arranġament bejn il-partijiet dwar il-kwistjoni ta'manteniment li kien dovut u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif żviluppaw din il-Qorti tara li piena ta' detenzjoni ma tiswa xejn lil ħadd, la lis-soċjeta' li sentenza restrittiva tal-liberta għaliha dejjem okkażżjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li ma għandha xejn x'tiggwadanja iżjed darba li l-ordni tal-Qorti ġiet issa esegwita, la jista' jkollha xi effett riformatur in kwantu li s-sitwazzjoni ta' bejn l-appellant u l-ex partner tiegħu ġiet definittivament riżolta, u ċertament anqas ma hi indikata bħala mezz ta' deterrent ġenerali peress li tali piena tista' sservi biss sabiex iġġarraf mill-ġdid l għaqda familjari li llum nħolqot bejn l-appellant u l-ex partner tiegħu. B'danakollu, l-Qorti ma hix bi ħsiebha tinkoraġixxi l-għemil tal-appellant billi min ikun fil-pożizzjoni tiegħu jaħseb li jkun jista' jinjora l-ordni tal-Qorti u jonqos mill-obbligi tiegħu tal-ħlas ta' manteniment bl-isperanza li eventwalment il-vertenzi bejnu u l-ex partner tiegħu jiġu riżolti bonarjament waqt li fil-frattemp l-ex partner tiegħu u ibnu minuri Riccardo jibqgħu bla ħlas ta' manteniment.

Għalhekk, filwaqt li din il-Qorti ser tħassar il-piena ta' xahar detenzjoni imposta mill-ewwel Qorti sejra timponi piena pekunjarja bħala waħda l-aktar indikata għaċ-ċirkostanzi waqt li tieħu kont ukoll tal-fatt li kull nuqqas ta' pagament ta' rata ta' manteniment jikkostitwixxi reat separat u fil-każ odjern jirriżulta li kien hemm mhux anqas minn sitt nuqqas ta' pagament.

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa' l-appell tal-imputat appellant Armand Chetcuti billi tħassar is-sentenza appellata fejn kkundannat lill-istess appellant għal xahar detenzjoni u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' ammenda komplessiva fl-ammont ta' mittejn euro (€200) u tikkonfermha fil-bqija.

Il-Qorti tordna lill-imputat Armand Chetcuti jħallas l-ammenda imposta fuqu b'din is-sentenza ratealment bir-rata ta' ħamsa u għoxrin euro (€25) fix-xahar, bl-ewwel rata pagabbli llum, b'dan li fin-nuqqas ta' pagament anki ta' rata mensili waħda l-ammont kollu li jkun għadu dovut isir pagabbli minnufih.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tara li l-ammenda inflitta tiġi hekk rekuperata.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onorevoli Imhallef**